# IL-KANONKU DEKAN CARMELO CEFAI
## *50 SENA SACERDOT*

Din is-sena jaħbat għeluq il-50 sena mill-ordinazzjoni sacerdotali tal-Kanonku Dekan Carmelo Cefai, Rettur tas-Santwarju Nazzjonali "Grotta ta' San Pawl".

Dun Karm twieled ir-Rabat nhar il-25 ta' Mejju 1920 minn Ġużeppi u Carmela nee' Micallef. Ircieva l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju Minuri u f'dan iż-żmien insibuh wkoll iservi ta' abbati fil-knisja Dumnikana tal-Madonna tal-Għar. Meta ħass ix-xewqa li jsir sacerdot huwa kompla l-istudju fis-Seminarju ta' Montecassino. Minħabba l-gwerra iżda fl-1940 kellu jirritorna Malta fejn kompla l-istudji tat-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' Santu Wistin fir-Rabat.

Dun Karm ġie ordnat sacerdot mill-Arcisqof Mikiel Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina nhar il-5 t'Awissu 1945. Għamel l-Ewwel Quddiesa tiegħu fil-Knisja Proto-Parrokkjali, illum Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat nhar id-19 t'Awissu 1945.



*Il-Kan. Cefai flimkien mal-Papa Ġwanni Pawlu II.*

F'Jannar ta' l-1946 ġie maħtur Prokuratur ta' l-Arcikonfraternita' tas-SSmu Sagrament, kariga li għadu jokkupa sal-lum. F'dan iż-żmien barra c-celebrazzjoni tal-Festa ta' Corpus Domini, bit-tħabrik tiegħu u tal-Prokuratur tal-Konfraternita' ta' San Pawl saru bosta opri. Insemmu biss l-Ostensorju imprezzabbli tar-Relikwija ta' San Pawl, il-Mazza tal-Kapitlu kif ukoll par brazzi tal-fidda għall-Altar Maġġur tal-Kolleġġjata. Bħala Prokuratur ta' l-Arcikofraternita' tas-SSmu. Sagrament ilu sa mill-1963 jirrappreżenta l-fratellanza fil-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u l-Martirju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

Mis-sena 1946 sa l-1953 serva bħala Vici-Parroku. Fit-30 ta' Marzu 1953 imbagħad ħa l-pussess ta' Kononku Kolleġġjali tal-Grotta ta' San Pawl.

Fl-4 t'April 1949 sar Rettur tal-knisja tal-Vitorja fl-Imtaħleb, limiti tar-Rabat, kariga li wkoll għadu jokkupa sal-lum. Huwa kompla x-xogħol tat-tkabbir tal-knisja, xogħol li kien beda r-Rettur ta' qablu l-Kan. Vincenzo Mangani. Bit-tħabbrik ta' Dun Karm daħal ukoll id-dawl elettriku u l-ilma fl-irziezet ta' l-Imtaħleb, kif ukoll inbniet skola għat-tfal ta' l-inħawi. Ġiet sgrafitta l-Istatwa tal-Bambina u sarulha pedestall u bradella. Dan l-aħħar ġie mqiegħed paviment ġdid għall-knisja kollha.

Lil Dun Karm insibuh fil-kumitati ta' l-aqwa żewġ Centenarji Pawlini li saru Malta, dak ta' l-1960 u ta' l-1967. Fl-1961 sar Direttur Spiritwali tas-Socjeta San Pawl Banda Konti Ruġġieru wara l-mewt ta' Dun Anton Buġeja.

Ħadem ukoll flimkien mal-Kumitat tal-Kolleġġjata biex il-Grotta ta' San Pawl terġa' ssir ħaġa waħda mal-Knisja Proto-Parrokkjali ta' San Pawl, Din l-għaqda flimkien mad-dinjita' ta' Kolleġġjata seħħet permezz tal-Bolla tal-Papa Ġwanni XXIII fl-1962.

Fl-1965 flimkien mal-Kanonku Pietru Pawlu Micallef mexxa l-Missjoni tad-Driegħ ta' San Pawl fost il-Maltin fl-Ingilterra, fil-Kanada u fl-Istati Uniti.

Sa mill-1970 Dun Karm ilu Rettur tal-Knisja ta' San Bastjan. F'dan iż-żmien bit-tħabbrik tiegħu ġiet restawrata u miżbugħa l-Knisja, sar paviment tar-rħam għall-presbiterju kif ukoll saru bankijiet u sistema tad-dawl elettriku ġodda.

Fis-16 ta' Lulju 1979 laħaq Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u Rettur tas-Santwarju Nazzjonali Grotta ta' San Pawl wara l-mewt tal-Kanonku Dekan Salvinu Buġeja. Fost il-personalitajiet distinti li huwa laqa' f'dan is-Santwarju Pawlin insibu lill-Granmastru preżenti ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Fra Andrew Bertie fit-28 ta' Mejju 1989 u lill-Qdusija Tiegħu il-Papa preżenti Ġwanni Pawlu II, fis-27 ta' Mejju 1990.

Mill-1963 sa Novembru 1994 kien jokkupa diversi karigi fil-Kurja Arciveskovili ta' Malta fejn spicca bħala Direttur Uffiċċju Reviżjoni. Matul l-aħħar għaxar snin Dun Karm serva bħala Assistent Kappillan ta' l-Għaqda Maltija trasport tal-Morda għal-Lourdes.

**F'isem il-Bord Editorjali nirringrazzjawh u nawgurawlu aktar snin ta' ħidma fi ħdan il-Kolleġġjata u l-Proto-Parrocca tagħna.**